MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri numru 33/2022 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Carmen Rose Miggiani u l-istess Carmen Rose Miggiani**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Kenneth Albert Edward George Bedingfield (K.I. nru. 584790(M))**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti s-soċjetà **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha **Carmen Rose Miggiani** u l-istess **Carmen Rose Miggiani (K.I. nru. 674656 (M))** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'is-soċjetà rikorrenti' u 'ir-rikorrenti

Miggiani' u flimkien 'ir-rikorrenti'], minn lodo arbitrali tas-6 ta' April, 2022, fil-proċeduri ta' Arbitraġġ nru. M6226/2021 mogħti mill-Arbitru l-avukat Joseph Refalo [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], li permezz tiegħu ddeċida t-talbiet tagħhom fil-konfront tal-intimat **Kenneth Albert Edward George Bedingfield (K.I. nru. 584790(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat'] kif ġej:

*"A. Jiddikjara illi l-intimat kien responsabbli għall-inċident fi grad ta' żewġ terzi;*

*B. Jillikwida d-danni fl-ammont ta' ħamest elef tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€5,879.66), liema somma tinkludi* excess *ta' ħamsin Euro (€50.00), jew somma oħra verjuri;*

*Ċ. Jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef disa' mija u dsatax-il Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,919.77), li jinkludi l-ħamsin Euro (€50.00)* excess*, in kwantu kien jaħti fi grad ta' żewg terzi, bl-imgħaxijiet mill-preżentata tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju, 2021 numru 1044/2021 ppreżentata kontestwalment mal-proċeduri għall-arbitraġġ kontra MAPFRE Middlesea p.l.c. a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*D. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, għandhom jiġu sopportati in kwantu għal żewġ terzi mill-intimat u terz mir-rikorrent."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fit-23 ta' Ottubru, 2020 fil-Belt, Valletta, bejn il-vettura nru. CRM 416 misjuqa mir-rikorrenti Miggiani u koperta permezz ta' polza ta' assigurazzjoni *comprehensive* maħruġa mis-soċjetà rikorrenti, u l-vettura nru. CPY 053 misjuqa mill-intimat kif koperta minn polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-kumpannija Mapfre Middlesea Insurance p.l.c.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fit-18 ta' Ġunju. 2021, fejn talbu sabiex l-intimat jiġi ddikjarat unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u sabiex jiġi kkundannat iħallas l-ammont li kellu jiġi likwidat bħala danni, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Mejju, 2021, bl-ispejjeż u d-drittijiet ta' dik il-proċedura.

4. L-intimat wieġeb permezz ta' Risposta fid-19 ta' Lulju, 2021, fejn ċaħad li huwa b'xi mod kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni, liema inċident ikkontenda kienet responsabbli għalih ir-rikorrenti Miggiani. Għalhekk huwa ma kienx responsabbli għall-ħlas tad-danni pretiżi li mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet tiegħu l-oħra fir-risposta tiegħu, huwa ma kienx qed jikkontesta l-*quantum* tagħhom.

## Il-Lodo Arbitrali Appellat

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

*"IV. <u>KUNSIDERAZZJONI</u>*

...

*5. Mill-provi jirriżulta li Triq Marsamxett, fil-parti fejn seħħ l-inċident, fiha żewġ karreġġati, waħda f'kull direzzjoni, b'linja bajda, bilkemm tidher, tiddividi il-karreġġati, u t-triq hija piuttost dejqa u dan kif jirriżulta mix-xhieda kif ukoll mir-ritratt u mill-iskizz Dok. A, p.3 sa 6 tal-imsemmi dokument, fis-sens li tieħu karrozza waħda f'kull direzzjoni. Din il-linja bajda hija żbjadita, però teżisti, kif jevidenzjaw ir-ritratti. Inoltre jirriżulta li fuq in-naħa minn fejn kienet ġejja ir-*

*rikorrenti, karrozzi ma jistghux jipparkjaw, filwaqt li fuq in-naħa minn fejn kien ġej l-intimat, jistgħu jipparkjaw vetturi, u fil-fatt kien hemm tlieta jew erba' vetturi parkeġġati.*

6. *Dwar in-numru ta' karrozzi parkeġġati jiġi rilevat illi fl-i*sketch *Dok. A p.3, kif ukoll dak esebit mal-prime note Dok.MG1, jirriżulta li kien hemm tlett vetturi parkeġġati, oltre vettura oħra immarkata bħala "PV Gone" (Dok. MG1), u dan prattikament fil-post fejn seħħ l-inċident. Din il-vettura ġiet immarkata hekk mill-Community Officer kif xehed l-istess, għax hekk indikalu l-intimat. Skont l-istess Community Officer 99 Mario Galea, hu din il-vettura ma rahiex. Ma jirriżultax biċ-ċar meta telqet din il-vettura, għalkemm l-intimat jindika li ma kienetx hemm meta seħħ l-inċident u għalhekk seta' jikser il-ġewwa, ir-rikorrenti tgħid li din kienet hemm. Fil-fehma tal-Arbitru il-vettura "PV Gone" imsemmija, definittavament ma kienetx hemm wara li seħħ l-inċident, u probabbilment lanqas meta seħħ l-inċident, tant li l-intimat kiser il-ġewwa eżatt qabel ma seħħ l-inċident.*

7. *Jirriżulta ukoll li l-vettura ipparkjata wara dik indikata bħala "PV Gone", ma kienetx fil-kaxxa tagħha, iżda ir-roti ta' quddiem tagħha kienu fil-kaxxa ta' quddiem, ċioe' jinvadu il-kaxxa fejn kien hemm "PV Gone".*

8. *Stabbiliti dawn il-fatti, huwa evidenti li kull vettura f'dik il-parti tat-triq kellha tinnaviga bil-massima prudenza in kwantu ma kienx hemm wisq distanza fuq naħa jew oħra fejn wieħed jimmanuvra. Bażikament, jekk neċessarju, xi ħadd kellu jċedi, u fi kwalunkwe każ tintuża il-massima kawzjoni. Inoltre id-daqs tal-vann kien jikkrea sitwazzjoni fejn dik il-wisgħa tkompli tidjieq. Jirriżulta li ir-rikorrenti kienet qed issuq fil-karreġġata taġġha anke jekk ftit distanzjata mill-bankina.*

9. *Punt ieħor li ġie kontestat huwa dwar jekk xi waħda mill-vetturi qabżitx il-linja medjana li tiddividi il-karreġġati. Skont ir-rikorrenti hi kienet għaddejja fil-karreġġata tagħha, u tgħid:* "Rajt il-vann ġej u qabeż il-linja medjana". *Meta rat il-vann ġej, skont ir-rikorrenti kien aktar minn distanza ta' karrozza bogħod mill-intimat, u ma kienx ġej b'velocità eċċessiva. L-intimat da parti tiegħu, f'dan il-kuntest, qal li l-vettura tar-rikorrenti ġejja mill-faċċata kienu ilu li raha, forsi tul ta' erba' karrozzi bogħod, u kif raha ġejja qal li lewa lejn fejn hemm immarkat "PV Gone" (ġja riferita qabel Dok. A, p.3). Dan huwa importanti in kwantu iż-żewġ sewwieqa kienu konxji ta' xulxin.*

10. *Is-sottoskritt ħa nota tad-dikjarazzjonijiet li ngħataw mill-partijiet* "a tempo vergine". *Ir-rikorrenti stqarret li kienet sejra fid-dritt u l-intimat ġie minn faċċata*

*u ġibed għal fuqha u laqatha. L-intimat stqarr li kien sejjer dritt, kien hemm karrozza pparkajta naħa xellug mhux ġol-kaxxa, qabeż din il-karrozza ipparkjata, u r-rikorrenti kienet ġejja minn faċċata daħlet ġo fih fuq il-ġenb ta' wara.*

11. *Jirriżulta li d-daqqa fil-vettura tar-rikorrenti kienet fuq quddiem (Dok. A p.3 u 4). Id-daqqa kienet tali li tibda mill-ġenb tal-*bumper *ta' quddiem fuq il-lemin, u l-*mudguard *u rota ta' quddiem dejjem tal-lemin. Bid-daqqa il-karrozza tar-rikorrenti ntfiet, kellha ir-rota mgħawwġa, u ma setgħetx tinstaq. Il-ħsara fil-vettura tal-intimat kienet qabel il-*mudguard *ta' wara in-naħa tal-lemin. Jiġi enfasizzat li mir-ritratt jirriżulta wkoll li l-vettura tar-rikorrenti kienet fil-karreġġata tagħha, Dok. A p.4. Inoltre jirriżulta li mid-danni miġjuba mir-rikorrenti, din waqfet prattikament fejn seħħ l-inċident, u kienet wara l-linja medjana, Dok. MG p.4/6, għalkemm mhux eskluż li bid-daqqa ġiet spustjata ftit. Ir-rikorrenti stess tgħid li bid-daqqa dawwarha. Dana ifisser li r-rikorrenti kienet xi ftit aktar qrib tal-linja medjana milli muri fir-ritratt.*

12. *Jirriżulta wkoll mill-i*sketch *originali fid-Dok. MG1 (pagna 3) eżebit, mill-marki li għamlu l-pulizija qabel ma iċċaqlaq il-vann, li dan kien tassew qabeż minimament il-linja medjana, u kien qed jimmanuvra biex jikser il-ġewwa. F'dak il-waqt ir-rikorrenti kellha spazju ta' ċirka 1.00m sa 1.2m distanza mill-bankina, distanza li hi għażlet li ma tużax, għalkemm kienet konxja tal-vann ġej mill-faċċata.*

13. *Fiċ-ċirkostanzi iż-żewg partijiet kien jaħtu għall-kolliżjoni li seħħet. L-intimat* [recte] *kellu t-tort prinċipali in kwantu dan kien konxju tal-vettura tar-rikorrenti li kienet qed tavviċina, però kien qabeż il-linja medjana, anke jekk bi ftit. Ir-rikorrenti* [recte] *kellha tort ukoll, in kwantu din rat lill-intimat ġej, però baqgħet miexja għad-dritt għalkemm kellha spazju fejn iġġenneb biex tevita il-kolliżjoni, fis-sens li ma żammitx* "a proper lookout". *Il-quddiem tal-vann tal-intimat kien ġja għadda lir-rikorrenti meta seħħet il-kolliżjoni. Tant hu hekk li l-ħsara fil-vann kienet qabel il-*mudguard *ta' wara in-naħa tal-lemin. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-ħtija prinċipali hija attrribwibbli lill-intimat in kwantu dan kien qabeż il-linja medjana, u qed jimmanuvra biex jidħol il-ġewwa. Il-ħtija tar-rikorrenti kienet illi rathu ġej u għażlet li ma tiġġennibx iżda baqgħet miexja fid-dritt, b'konsegwenza li ħadet il-ġenb ta' wara tal-intimat. Għalhekk qed jiġi deċiż li l-intimat kien jaħti għall-inċident fi grad ta' żewġ terzi, filwaqt li r-rikorrenti kienet taħti fi grad ta' terz. Ma hemmx dubju li kien hemm nuqqas ta'* "proper lookout" *da parti taż-żewġ partijiet.*

> 14. *Id-danni jirriżultaw fl-ammont ta' ħamest elef tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€5,879.66), liema somma tinkludi* excess *ta' ħamsin Euro (€50.00), u dana skont id-Dok. Ċ.*
>
> 15. *In kwantu l-intimat kien jaħti għall-inċident fi grad ta' żewġ terzi jiġi li dan għandu iħallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija u dsatax-il Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,919.77), li jinkludi l-ħamsin Euro (€50.00)* excess.*"*

## <u>**L-Appell**</u>

6. Ir-rikorrenti ħassew ruħhom aggravati bil-lodo arbitrali u ntavolaw appell quddiem din il-Qorti fit-12 ta' April, 2022 fejn qegħdin jitolbu sabiex:

> *"...jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija miċ-Ċentru għall-Arbitraġġ ta' Malta fis-6 ta' April 2022 fl-ismijiet premessi u minflok issib lill-intimat Kenneth Albert Edward George Bedingfield <u>unikament u kompletament</u> responsabbli għall-inċident* de quo, *u tikkundannah jħallas l-ammont ta' €5,879.66 bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju 2021 numru 1044/2021 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat, Kenneth Albert Edward George Bedingfield."*

Jgħidu li l-Arbitru ma kienx korrett meta fil-konklużjoni tal-lodo arbitrali qal li r-rikorrenti Miggiani kienet naqset milli żżomm a *'proper lookout',* u għalhekk kellha tbati parti mit-tort għall-inċident *de quo.*

## <u>**Ir-Risposta u l-Appell Inċidentali**</u>

7. L-intimat ippreżenta r-risposta tiegħu fid-9 ta' Settembru, 2022, fejn issottometta li l-appell huwa nfondat u għandu jiġi miċħud. Dan filwaqt li stante li jħoss ruħu aggravat bil-lodo arbitrali, huwa pprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali tar-rikorrenti sabiex intavola appell inċidentali. Filwaqt li jissottometti r-raġunijiet tiegħu u jgħid li huwa ma jistax jaqbel mal-Arbitru fejn dan iddikjara

li r-rikorrenti kienet qegħda ssuq fil-karreġġata tagħha, jikkontendi li m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex huwa jerfa' xi responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

8. Ir-rikorrenti laqgħu għall-appell inċidentali permezz ta' risposta ntavolata fit-22 ta' Settembru, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-intimat.

**Nota ulterjuri tal-intimat**

9. Permezz ta' nota ppreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2022, l-intimat eċċepixxa li l-appell intavolat mir-rikorrenti huwa irritu u null stante li huma ma ottemporawx ruħhom mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement l-imsemmija rikorrenti ppreżentaw rikors fid-9 ta' Jannar, 2023 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex twarrab kull suġġeriment magħmul mill-intimat li l-appell tagħhom huwa irritu u null, u b'hekk tgħaddi sabiex tagħti s-sentenza fuq il-mertu tar-rikors tal-appell tagħhom. Wara li din il-Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2023 ordnat li r-rikors jiġi notifikat lill-intimat b'ħamest ijiem żmien għar-risposta, l-intimat wieġeb billi ssottometta li huwa ma kienx qed jaqbel li s-suġġeriment tiegħu għandu jiġi skartat. Fid-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2023, il-Qorti ordnat l-isfilz tan-nota tal-intimat stante li meta din kienet ġiet ippreżentata, l-appell kien diġà ġie ttrattat fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2022 u anki mħolli għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-partijiet, u dan fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-konklużjonijiet magħmulin mill-Arbitru u s-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra.

11. Ir-rikorrenti jibdew billi wara li jagħtu fis-suċċint rakkont tal-akkadut, jirrilevaw li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hija *two way,* u hija waħda dritta sabiex b'hekk tagħti viżwali tat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta. Jgħidu wkoll li t-triq hija dejqa, iżda tippermetti li l-vetturi jgħaddu liberalment fiż-żewġ direzzjonijiet sakemm is-sewwieq ta' kull naħa jżomm fuq in-naħa rispettiva tiegħu. Jirrilevaw li fin-nofs tat-triq hemm linja bajda maqtugħa sabiex turi n-nofs tat-triq. Ir-rikorrenti jissottomettu li fil-ħin tal-inċident kien hemm xi vetturi pparkeġġjati mal-bankina fuq ix-xellug tal-intimat. Jgħidu li skont dak li xehed il-*Community Officer* 99 Mario Galea, il-Pulizija kienu għamlu sinjali fl-art sabiex juru fejn kienet il-vettura tal-istess intimat fil-ħin li seħħ l-impatt, u dawn kienu juri li n-naħa ta' wara ta' din il-vettura filfatt kien ftit 'il barra mil-linja tan-nofs u b'hekk kienet fil-karreġġata l-oħra opposta fejn kienet qegħda ssuq ir-rikorrenti Miggiani. Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll li skont dak li kien indika l-istess *Community Officer,* il-vettura tar-rikorrenti Miggiani kienet 'il barra mill-bankina 1.2 metru , iżda fl-ebda ħin minn dak li qal jew li qalet l-istess rikorrenti Miggiani ma rriżulta li l-vettura kienet qabżet il-linja tan-nofs tat-triq kif sostna l-intimat fix-xhieda tiegħu. Filwaqt li huma jagħmlu riferiment għall-osservazzjoni tal-Arbitru li r-rikorrenti Miggiani ma kinitx użat id-distanza fuq ix-xellug tagħha sabiex tevita l-inċident, jispjegaw li mir-ritratti esebiti mill-*Community Officer* a *fol.* 3 u 5, jirriżulta li d-distanza ndikata minnu hija mkejla

mill-ħajt tas-sur sabiex b'hekk ħa in kunsiderazzjoni wkoll il-wisgħa tal-bankina. Jgħidu li mill-iskizz jirriżulta li l-karreġġata li fiha kienet qegħda ssuq ir-rikorrenti Miggiani kienet wiesgħa tlett metri. Isostnu li x-xhieda tal-istess rikorrenti Miggiani u dik tal-intimat jikkontrastaw sew, u jgħaddu sabiex jispjegaw x'qalet ir-rikorrenti Miggiani waqt ix-xhieda tagħha fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2021 u dak li qal l-intimat fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar, 2022. Jikkontendu li l-Arbitru ma kienx korrett meta kkonkluda li r-rikorrenti Miggiani ma kinitx żammet *a proper lookout,* u għaldaqstant kellha tbati parti mit-tort. Iżda huma jinsistu li r-rikorrenti Miggiani fil-fatt kienet qegħda issuq fil-karreġġata tagħha, u għalhekk setgħet timmanuvra l-vettura tagħha fl-istess karreġġata, u l-fatt li hija kienet daqsxejn 'il barra mill-bankina fuq ix-xellug tagħha, ma kienx wassal għall-inċident in kwistjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li s-sewqan tar-rikorrenti Miggiani ma kienx wieħed negliġenti jew imprudenti li rriżulta fi ksur tar-regolamenti tas-sewqan. Jallegaw li kien proprju l-intimat li kien ħareġ mill-karreġġata tiegħu u nvada dik tar-rikorrenti Miggiani, u l-marki fl-art ġew innotati mill-Pulizija u anki ġew ikkonfermati mill-*Community Officer* u rikonoxxuti mill-Arbitru. Huma jiċċitaw dak li igħid *The Ministry of Transport Manual – Driving* dwar fejn wieħed għandu jsuq, u anki lill-awtur Ingliż Gibb, filwaqt li jissottomettu li l-intimat ma kienx f'sitwazzjoni fejn seta' jiġi *"...excused by showing surrounding circumstances which necessitated travelling on the right hand side of the road".* Ir-rikorrenti jsostnu li ġaladarba l-intimat kien ra l-vettura tar-rikorrenti Miggiani ġejja, bħala sewwieq prudenti huwa kien tenut li jieqaf minflok li jagħmel manuvra ta' sorpass sabiex jevita l-ostakolu fuq ix-xellug tiegħu. Huma jikkontendu li kull manuvra ta' sorpass għandha tiġi eżegwita b'mod prudenti u b'kawtela, partikolarment fejn kif irrileva l-intimat

kien hemm vettura li ma kinitx ipparkeġġjata sew. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-Arbitru naqas milli japprezza li l-kawża prinċipali tal-inċident kien is-sewqan imprudenti u negliġenti tal-intimat u l-kwistjoni ta' *proper lookout* min-naħa tar-rikorrenti Miggiani ma kinitx applikabbli fil-każ odjern. Jinsistu li l-intimat biddel il-verżjoni tiegħu fil-proċeduri odjerni, u hemm dubji serji dwar il-kredibbiltà tiegħu, tant hu hekk li huma jippretendu li x-xhieda tal-intimat għandha tiġi skartata. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-manuvra ta' sorpass tista' tkun ta' perikolu u għalhekk is-sewwieq li jittentaha għandu jara li huwa jista' jibdiha u jtemmha bla perikolu. Hawnhekk ir-rikorrenti jiċċitaw ir-Regolament 181 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, u jagħmlu ukoll riferiment għar-Regolament 185, u jinsistu li l-intimat naqas milli jeżerċita attenzjoni ogħla li hija rikjesta mis-sewwieq f'manuvra bħal din. Għaldaqstant jgħidu li huwa kellu jinstab responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u l-ebda ħtija ma kellha tiġi attribwita lir-rikorrenti Miggiani.

12. L-intimat jilqa' billi jiddikjara li dak li qegħdin jinsistu fuq ir-rikorrenti ma jsib l-ebda sostenn fil-provi. Jirrileva li r-rikorrenti Miggiani xehdet li meta hija ratu għall-ewwel darba, ma tafx jekk f'dak il-punt kienx diġà qabeż il-linja tan-nofs, iżda minkejja dan jgħid li hija ħassitha komda tibqa' issuq fid-dritt mingħajr ma naqqset il-veloċità jew ttantat tiskapulah. Jikkontendi li dan ifisser li huwa ma kien qiegħed jippreżenta l-ebda theddida ta' perikolu għaliha jew li kien qed jostakola l-passaġġ tagħha. Iżda huwa min-naħa tiegħu, filwaqt li mhux kontestat il-fatt li kien qed isuq b'veloċità raġonevoli, ittanta jevitaha billi ġibed lejn ix-xellug fejn kien hemm parkeġġ liberu, fatt li kien juri li r-rikorrenti Miggiani kienet qegħda tostakola l-karreġġata tiegħu. Madankollu jgħid li r-rikorrenti Miggiani xorta waħda laqtitu fuq in-naħa ta' wara. L-intimat jirrileva li

fil-verzjoni tagħha lill-*Community Officer,* l-imsemmija rikorrenti Miggiani ma semmietx li huwa kien qabeż il-linja tan-nofs, u dan minkejja l-insistenza tagħha dwar dan fil-proċeduri preżenti. Jissottometti li hija l-verżjoni mogħtija *a tempo vergine,* kif sewwa taf il-Qorti, li għandha tingħata piż qawwi. L-intimat jgħid li r-rikorrenti Miggiani tenfasizza fuq il-fatt li l-vettura tagħha fir-ritratti tal-gwardjan lokali ma tirriżultax li qabżet il-linja tan-nofs, iżda jikkontendi li dawn huma xhieda biss tal-pożizzjoni tal-vetturi wara l-impatt. Jirrileva li saħansitra fix-xhieda tagħha r-rikorrenti Miggiani qalet *"meta tani daqqa dawwarni għalhekk spiċċajt kif muri fir-ritratt 3/5".* Dwar l-iskizz anness mar-rapport eTARS u mmarkat Dok. A u anki Dok. MG, jikkontendi li dan mhuwiex korrett għaliex il-vettura tiegħu ma kinitx 'il barra mil-linji diskontinwi, u l-gwardjan lokali saħansitra xehed li *"Inoltre s-CPY indikawha kollha f'nofs it-triq, filwaqt li kienet angolata bil-parti ta' wara biss li qabeż il-linja medjana".* Għal dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti li huwa kien għamel manuvra ta' sorpass li ma kinitx prudenti, l-intimat isostni li huwa ma kien għamel l-ebda manuvra bħal din, għaliex huwa kien qed isuq biswit vetturi pparkeġġjati. Għaldaqstant jgħid li l-argumenti tar-rikorrenti huma kollha irrilevanti fil-kuntest tal-każ odjern, u għandhom jiġu skartati. Huwa jagħmel riferiment għall-verżjoni li huwa kien ta lill-Gwardjan Lokali, fejn huwa spjega li kien qabeż il-vettura pparkeġġjata fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, u mhux li huwa kien qala' l-istess vettura. Jispjega li ma kienx minnu li huwa kellu joħroġ iktar 'il barra għaliex din kienet ipparkeġġjata ħażin lejn nofs it-triq. Jgħid li din kienet biss konġettura tar-rikorrenti u mhijiex ikkorraborata mill-ebda prova. Spjega li l-vettura ma kinitx ipparkegġjata sew għal raġuni oħra, fejn il-vettura kienet daħlet fil-post ta' parkeġġ ta' quddiemha. Dwar l-appell inċidentali tiegħu, l-intimat jispjega li

huwa jħossu aggravat bil-lodo arbitrali għaliex għal dawk ir-raġunijiet appena mfissra, huwa ma kellu jbati l-ebda responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni. Jirrileva li huwa kien għaddej b'veloċità prudenti, saħansitra kellu rekbin miegħu tfal tal-iskola, u dan kien ikkonfermat mir-rikorrenti Miggiani stess. L-intimat jikkontendi li filfatt dak li ġara kien li r-rikorrenti Miggiani kienet ostakolatlu l-karreġġata tiegħu, u għalkemm min-naħa tiegħu ttanta jevitaha, xorta waħda ħaditu fuq wara. Jirrileva li qabel l-impatt kienu għaddew vetturi oħra mingħajr ma seħħ inċident, u għalhekk proprju s-sewqan tar-rikorrenti Miggiani kien jaħti għall-inċident in kwistjoni. Jallega li l-atteġġjament tagħha kien li ġaladarba t-triq tidjieq *"xi ħadd irid iċedi u jien kelli d-dritta"*. L-intimat jiġbed l-attenzjoni għal fejn huma lokalizzati l-ħsarat fil-vetturi rispettivi. Jirrileva li l-ħsara fuq il-vettura tiegħu kienet fir-rota ta' wara, u din kienet tindika li huwa kien għadda lill-vettura tar-rikorrenti Miggiani hekk kif imbagħad hi ħaditu fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu. Isostni li hija stess qalet *"[j]ien bqajt għaddejja dritt u ħadtu fuq wara",* u għalhekk il-vettura tiegħu ma kienet sofriet l-ebda ħsarat fuq quddiem. Jikkontendi li ma kienx verosimili li l-vettura tiegħu taha daqqa iżda għall-kuntrarju kienet irċeviet daqqa mingħand il-vettura tar-rikorrenti Miggiani li kellha ħsarat estensivi fuq in-naħa ta' quddiem u fil-ġenb tal-lemin. Jgħid li dawn il-ħsarat fil-vettura l-oħra huma riflessi fis-*survey* esebit mir-rikorrenti. L-intimat jaċċetta dak li qal l-Arbitru li *"huwa evidenti li kull vettura f'dik il-parti tat-triq kellha tinnaviga bil-massimu prudenza in kwantu ma kienx hemm wisq distanza fuq naħa jew oħra fejn wieħed jimmanuvra",* iżda mhux meta kkonstata li *"jirrriżulta li r-rikorrenti kienet qed issuq fil-karreġġata tagħha anke jekk ftit distanzjata mill-bankina".*

13. Ir-rikorrenti wieġbu għall-appell inċidentali ntovalat mill-intimat. Jgħidu li għall-kuntrarju ta' dak li qed isostni l-intimat, l-inċident in kwistjoni ma seħħx riżultat ta' xi veloċità eċċessiva min-naħa ta' xi sewwieq, iżda seħħ biss għaliex l-istess intimat kiser ir-Regolamenti tat-Traffiku meta dan ittenta jagħmel manuvra ta' sorpass b'mod li kien negliġenti u imprudenti fejn huwa daħal fil-karreġġata opposta. Jikkontendu li għalkemm l-intimat qed isostni li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni hija dritta u toffri viżwali fit-tul, filfatt din hija pjuttost dejqa u għandha *single carriage* kull naħa. Isostnu li l-intimat ma kellu l-ebda għażla oħra għajr li jinvadi l-karreġġata tan-naħa l-oħra meta għamel il-manuvra ta' sorpass tal-vettura fuq in-naħa tax-xellug li kienet 'il barra mill-kaxxa ta' diversi kaxxi ta' parkeġġ. Ir-rikorrenti jgħidu li din il-vettura kienet qegħda tostakola l-passaġġ liberu tiegħu, sabiex b'hekk kellu joħroġ 'il barra lejn il-lemin, fejn daħal fil-karreġġata tar-rikorrenti Miggiani. Ir-rikorrenti jagħmlu aċċenn għar-regoli relattivi dwar is-sorpass, filwaqt li jiċċitaw dak li jgħidu awturi esteri u l-istess regoli fir-Regolamenti 181 u 185 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. Ir-rikorrenti jissottomettu li joħroġ ċar mill-provi li l-intimat ma kienx eżerċita l-kura u l-attenzjoni xierqa meta huwa kien qed jaqbeż il-vetturi fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Jikkontendu li dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni hija *two way* u hija dritta, sabiex b'hekk toffri viżwali għat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta. Jirrilevaw li f'nofs it-triq hemm linja bajda bit-tikek. B'riferiment għax-xhieda tal-Gwardjan Lokali, jgħidu li dan spjega li huwa kien mar fuq il-post tal-inċident wara li waslu l-Pulizija u għamlu l-marki fl-art tal-pożizzjoni tal-vetturi rispettivi, u dawn kienu jindikaw li l-vettura misjuqa mill-intimat kienet spustjata 'l barra min-naħa ta' wara, sabiex b'hekk daħlet fil-karreġġata opposta. Jagħmlu wkoll riferiment għax-xhieda tal-intimat mogħtija

waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar, 2022, u jsostnu li dan wisq probabbli wara li kien daħal fil-karreġġata opposta u ntebaħ bir-rikorrenti Miggiani, huwa kien ġibed il-vettura tiegħu 'l ġewwa lejn ix-xellug b'mod angolat sabiex jevita li jidħol fiha. Jgħidu li jekk l-inċident seħħ proprju kif qiegħed jikkontendi l-intimat, id-danni kienu jkunu fuq quddiem tal-vettura tiegħu. Jinsistu li r-rikorrenti Miggiani kienet f'dak il-ħin tal-inċident qegħda ssuq fil-karreġġata tagħha, u ma qabżitx il-linja medjana mal-impatt. Jagħlqu billi jissottomettu li m'hemmx dubju dwar il-fatt li l-inċident seħħ unikament tort u ħtija tal-intimat, u r-rikorrenti Miggiani ma kellha l-ebda tort stante li hija kienet qegħda issuq fil-karreġġata tagħha fid-dritt.

14. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li hija taqbel mad-deċiżjoni tal-Arbitru kif riflessa fil-lodo arbitrali, liema deċiżjoni hija tikkunsidra bħala waħda tajba u ġusta. Wara li l-Arbitru fisser l-osservanzi tiegħu dwar il-lok fejn seħħ l-inċident, huwa ndirizza l-kwistjoni dwar il-vettura li skont ir-rikorrenti Miggiani kienet ipparkeġġjata fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura tal-intimat. Iddikjara li fil-fehma tiegħu din ma kinitx hemm meta seħħ l-inċident għaliex l-intimat kiser 'il ġewwa proprju qabel. Il-Qorti taqbel mal-ħsieb tal-Arbitru li tgħid huwa raġunat sew. Għal dak li jirrigwarda l-vettura l-oħra wara l-allegata vettura mmarkata 'PV Grone' fuq l-iskizz Dok. A u dak Dok. MG1, qal li rriżulta li din kienet ipparkeġġjata b'mod li r-roti ta' quddiem kienu fil-kaxxa ta' quddiem, jiġifieri fil-kaxxa tal-vettura mmarkata 'PV Grone'. B'hekk, kif sewwa jirrileva l-intimat, hawn wieħed ma jistax jitkellem fuq xi manuvra ta' sorpass ġaladarba l-vettura kienet wieqfa.

15. L-Arbitru qal li dan kollu kien ifisser li kull vettura kellha tinstaq bil-massima prudenza stante li ma kienx hemm wisq distanza fuq naħa jew oħra sabiex jimmanuvraw, u jekk kien hemm il-ħtieġa, xi ħadd kien tenut li jċedi. Osserva wkoll li l-wisgħa tal-vettura tal-intimat, kien ifisser li l-passaġġ kien iktar dejjaq. L-Arbitru tajjeb ikkunsidra li r-rikorrenti Miggiani kienet qegħda ssuq fil-karreġġata tagħha, filwaqt li hija kienet ftit 'il barra mill-bankina. Filwaqt li għamel riferiment għal dak li qalu s-sewwieqa tal-vetturi fix-xhieda rispettiva tagħhom, irrileva li huma kienu konxji ta' xulxin.

16. L-Arbitru għadda sabiex ikkunsidra dak li ddikjaraw ukoll is-sewwieqa *a tempo vergine,* u għamel ukoll l-osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ħsarat li sofrew il-vetturi rispettivi tagħhom. Innota li minn Dok. A paġna 3 u 4 kien jirriżulta li d-daqqa fil-vettura tar-rikorrenti Miggiani kienet fuq quddiem, jiġifieri fil-ġenb tal-*bumper* man-naħa tal-lemin tal-vettura, fil-*mudguard* u fir-rota fuq l-istess naħa. Ikkunsidra li mal-impatt din il-vettura kienet intfiet, ir-rota tgħawwġet u l-istess vettura ma setgħetx tinstaq. Għal dak li jirrigwarda l-ħsarat fil-vettura tal-intimat, osserva li dawn kienu lokalizzati qabel il-*mudguard* ta' wara tan-naħa tal-lemin. L-Arbitru għamel enfażi li mir-ritratt f'paġna 4 ta' Dok. A, kien irriżulta li l-vettura tar-rikorrenti Miggiani kienet fil-karreġġata tagħha, u dan meħud in konsiderazzjoni l-fatt kif kien jidher minn pagni 4/6 ta' Dok. MG, mal-impatt hija kienet waqfet proprju wara l-linja tan-nofs tat-triq, għalkemm għaraf ukoll li mad-daqqa din setgħet ġiet spustjata xi ftit, u r-rikorrenti Miggiani stess qalet li d-daqqa dawritha. L-Arbitru rrileva korrettement li dan kien juri għalhekk li l-intimat kien xi ftit iktar lejn il-linja tan-nofs milli muri fir-ritratt. Irrileva li kien irriżulta wkoll mill-iskizz oriġinali f'Dok. MG1, li skont il-marki tal-Pulizija li saru qabel ma ċċaqalqet il-vettura tal-intimat, din kienet tassew qabżet

il-linja tan-nofs b'xi ftit, u li s-sewwieq kien qed jimmanuvra biex jikser 'il ġewwa. Osservazzjonijiet tgħid il-Qorti, li huma kollha korretti, u li ma tistax ma taqbilx magħhom kif qed jippretendi l-intimat fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu fil-ħin tal-inċident in kwistjoni.

17. L-Arbitru osserva ġustament li madankollu r-rikorrenti Miggiani kellha spazju ta' madwar metru sa metru punt tnejn mill-bankina, u li hija kienet għażlet li ma tagħmilx użu minnu, anki meta kienet konxja tal-vettura opposta. Il-Qorti tgħid li l-istess rikorrenti Miggiani tittenta targumenta li din id-distanza kellha titkejjel min-naħa tas-sur, sabiex b'hekk effettivament l-ispazju kien ferm inqas. Iżda r-ritratti esebiti ma' Dok. A juru b'mod ċar li dan ma jistax ikun, u li r-rikorrenti Miggiani tassew kellha biżżejjed spazju fuq in-naħa ta' ġewwa tal-vettura tagħha sabiex timmanuvra b'mod prudenti f'dik il-parti tat-triq li hija stess tagħraf bħala pjuttost dejqa.

18. Meħudin dawn l-osservazzjonijiet kollha in konsiderazzjoni, l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li għall-inċident in kwistjoni kienu jaħtu ż-żewġ partijiet. Il-Qorti tikkondividi pjenament din il-konklużjoni tiegħu, u tgħid li r-raġunijiet tiegħu kif imfissra b'mod ċar u konċiż tassew jistgħu jwasslu biss għal din il-konklużjoni tiegħu. Qal li l-intimat kellu t-tort prinċipali stante li huwa kien jaf bir-rikorrenti Miggiani ġejja mid-direzzjoni opposta, iżda madanakollu qabeż il-linja tan-nofs, anki jekk dan kien bi ftit. Ir-rikorrenti Miggiani ma kinitx mingħajr tort jgħid l-Arbitru. Jispjega li għalkemm hija kienet rat lill-intimat ġej, hija kienet baqgħet miexja għad-dritt għalkemm kellha fejn tersaq lejn il-ġenb sabiex tevita l-ħabta, b'mod li ma żammitx *'a proper lookout',* terminoloġija li din il-Qorti tqis li ma kinitx daqstant korretta fejn is-sitwazzjoni kienet titlob minflok il-

prudenza. L-istess l-Arbitru kkonstata fir-rigward tal-intimat. Għaraf tajjeb ukoll li meta seħħ l-impatt, in-naħa ta' quddiem tal-vettura tal-intimat kienet għaddiet dik tar-rikorrenti Miggiani, u hekk l-ħsara kienet qabel il-*mudguard* ta' wara fuq in-naħa tal-lemin. B'hekk iddikjara li r-responsabbilità għall-inċident kellha tinqasam bejn ir-rikorrenti Miggiani u l-intimat fil-kwoti ta' terz u żewġ terzi rispettivament.

19. Il-Qorti tgħid li l-Arbitru kien kemm korrett, kif ukoll ġust fid-deċiżjoni tiegħu. Tagħraf li huwa qassam ir-responsabiltà tat-tort għall-inċident, anki fejn ir-rikorrenti Miggiani kienet qegħda ssuq fil-karreġġata tagħha, iżda fejn kellha turi iktar prudenza meħud in kunsiderazzjoni l-konfigurazzjoni tat-triq li ma kinitx tippermetti liż-żewġ vetturi jgħaddu liberament mingħajr l-użu tal-wisgħa kollha tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell prinċipali tar-rikorrenti u dak inċidentali tal-intimat billi tiċħadhom, u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell prinċipali u tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu rispettivament mill-partijiet telliefa.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**